



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 16/22
il-Lussemburgu, 26 ta' Jannar 2022

Sentenza fil-Kawża T-286/09 RENV
Intel Corporation vs Il-Kummissjoni

Il-Qorti Ġenerali tannulla parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi fuq Intel multa ta' EUR 1.06 biljun

L-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni hija inkompleta u ma tippermettix li jiġi stabbilit suffiċjentement skont il-liġi li t-tnaqqis inkwistjoni kien kapaċi jew seta' jkollu effetti antikompetittivi

Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2009¹, il-Kummissjoni Ewropea imponiet fuq il-produttur ta' mikroproċessuri Intel multa ta' EUR 1.06 biljun minħabba abbuż tal-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq dinji tal-proċessuri² x86³, bejn Ottubru 2002 u Diċembru 2007, billi implimentat strateġija intiża li teskludi lill-kompetituri tagħha mis-suq.

Skont il-Kummissjoni, dan l-abbuż kien ikkaratterizzat minn żewġ tipi ta' aġir kummerċjali adottat minn Intel fir-rigward tal-imsieħba kummerċjali tagħha, jiġifieri restrizzjonijiet ovvji u tnaqqis kundizzjonali. Fir-rigward b'mod partikolari ta' dawn tal-aħħar, Intel tat tnaqqis lil erba' produttori ta' tagħmir strateġiċi (Dell, Lenovo, Hewlett-Packard (HP) u NEC), bil-kundizzjoni li huma jixtru mingħandha t-totalità jew il-kważi-totalità tal-proċessuri tagħhom x86. Bl-istess mod, Intel għamlet f'ħasijiet lil distributur Ewropew ta' tagħmir mikroelettroniku (Media-Saturn-Holding), bil-kundizzjoni li dan tal-aħħar ibigħ esklużivament kompjuters mgħammra bi proċessuri x86 ta' Intel. Dan it-tnaqqis u dawn il-pagamenti (iktar 'il quddiem it-"tnaqqis inkwistjoni") żguraw il-fedeltà ta' erba' produttori ta' tagħmir u ta' Media-Saturn u naqqsu b'mod kunsiderevoli l-kapaċità tal-kompetituri ta' Intel li jikkompetu abbażi tal-kapaċitajiet tal-proċessuri x86 tagħhom. B'hekk, l-aġir antikompetittiv ta' Intel ikkontribwixxa sabiex titnaqqas l-għażla offruta lill-konsumaturi kif ukoll jitnaqqas l-inċentiv għall-innovazzjoni.

Ir-rikors ippreżentat minn Intel kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud fl-intier tiegħu mill-Qorti Ġenerali b'sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014⁴. B'sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, mogħtija fuq appell ta' Intel, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet annullat din is-sentenza u baġħtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali⁵.

Insostenn tat-talbiet tagħha għall-annullament tas-sentenza inizjali, Intel allegat, b'mod partikolari, li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi minħabba nuqqas ta' eżami tat-tnaqqis inkwistjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet ibbażat ruħha, b'għall-Kummissjoni, fuq il-premessa li t-tnaqqis ta' fedeltà mogħti minn impriża f'pożizzjoni dominanti kellu, min-natura tiegħu stess, il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni b'mod li ma kienx neċessarju li jiġu eżaminati ċ-ċirkustanzi kollha inkwistjoni, u lanqas, b'mod partikolari, li jsir test AEC (bl-Ingliż magħruf bl-isem "as efficient

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 3726 final, tat-13 ta' Mejju 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [102 TFUE] u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C 3/37.990 – Intel)

² Il-proċessur huwa komponent essenzjali ta' kull kompjuter, kemm għall-prestazzjoni ġenerali tas-sistema kif ukoll għall-ispiża globali tal-apparat.

³ Il-mikroproċessuri użati fil-kompjuters jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji, jiġifieri l-proċessuri x86 u l-proċessuri bbażati fuq arkitettura oħra. L-arkitettura x86 hija standard imfassal minn Intel li jippermetti l-funzjonament tas-sistemi operattivi Windows u Linux.

⁴ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Ġunju 2014, Intel vs Il-Kummissjoni, [T-286/09](#) (ara wkoll [CP n° 82/14](#)).

⁵ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, [C-413/14 P](#) (ara wkoll [CP n° 90/17](#)) (iktar 'il quddiem is-"sentenza fl-appell").

competitor test")⁶. Madankollu, il-Kummissjoni xorta wettqet eżami fil-fond ta' dawn iċ-ċirkustanzi, li wassalha tikkonkludi li kompetitur daqstant effettiv kien ikollu joffri prezzijiet li ma kinux vijabbli u li, għaldaqstant, il-prattika tat-tnaqqis inkwistjoni setgħet teskludi tali kompetitur. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li t-test AEC kellu importanza reali fl-evalwazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kapaċità tal-prattika inkwistjoni li tipproduċi effett ta' esklużjoni tal-kompetituri, b'mod li l-Qorti Ġenerali kienet obbligata teżamina l-argumenti kollha ta' Intel dwar dan it-test u l-implimentazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni. Peress li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx tali eżami, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza inizjali u bagħtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tkun tista' teżamina, fid-dawl tal-argumenti invokati minn Intel, il-kapaċità tat-tnaqqis inkwistjoni li jirrestrinġi l-kompetizzjoni.

B'sentenza tagħha tas-26 ta' Jannar 2022, il-Qorti Ġenerali, li qiegħda tiddeċiedi wara li ntbagħtet il-kawża quddiemha, tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikklassifika t-tnaqqis inkwistjoni bħala abbuż, fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, u timponi multa fuq Intel għall-aġir kollu kklassifikat bħala abbużiv.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali tippreċiża, preliminarjament, il-portata tal-kawża wara li din intbagħat quddiemha. F'dan ir-rigward, hija tosserva li l-annullament tas-sentenza inizjali kien iġġustifikat bi żball wieħed biss, dak tan-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, fis-sentenza inizjali, tal-argument ta' Intel intiż li tiġi kkontestata l-analiżi AEC ippreżentata mill-Kummissjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali tqis li tista' tirriproduċi f'isimha, għall-finijiet tal-eżami tagħha, il-kunsiderazzjonijiet kollha mhux ivvizzjati bi żball kif esposti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-każ ineżami, dawn huma, minn naħa, konstatazzjonijiet tas-sentenza inizjali dwar ir-restrizzjonijiet ovvi u n-natura illegali tagħhom fid-dawl tal-Artikolu 102 TFUE. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ma invalidatx, bħala prinċipju stess, id-distinzjoni stabbilita fid-deċiżjoni kkontestata bejn il-prattiki li jikkostitwixxu tali restrizzjonijiet u l-aġir l-ieħor ta' Intel li huwa kopert mill-analiżi AEC inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali tirriproduċi f'isimha l-kunsiderazzjonijiet fis-sentenza inizjali li jgħidu li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, stabbilixxiet l-eżistenza tat-tnaqqis inkwistjoni.

Dan premiss, il-Qorti Ġenerali tagħti bidu, fl-ewwel lok, għall-eżami tat-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata permezz ta' preżentazzjoni tal-metodu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tevalwa l-kapaċità ta' sistema ta' tnaqqis li tirrestrinġi l-kompetizzjoni. Għal dan il-għan, hija tfakkar li, għalkemm sistema ta' tnaqqis esklużiv stabbilita minn impriża f'pożizzjoni dominanti fis-suq tista' tiġi kklassifikata bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni, peress li, fid-dawl tan-natura tagħha, l-effetti restrittivi fuq il-kompetizzjoni jistgħu jiġu preżunti, fil-każ ineżami hemm sempliċi preżunzjoni li fi kwalunkwe każ ma teħlisx lill-Kummissjoni milli teżamina l-effetti antikompetittivi tagħha. Għalhekk, fis-sitwazzjoni fejn impriża f'pożizzjoni dominanti tipproduċi, matul il-proċedura amministrattiva, provi ta' sostenn, li l-aġir tagħha ma kellux il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, li jipproduċi l-effetti ta' esklużjoni allegati fil-konfront tagħha, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-kapaċità ta' esklużjoni tas-sistema ta' tnaqqis. Fil-kuntest ta' tali analiżi, din tal-aħħar mhux biss hija obbligata tanalizza, minn naħa, l-importanza tal-pożizzjoni dominanti tal-impriża fis-suq rilevanti u, min-naħa l-oħra, ir-rata ta' kopertura tas-suq mill-prattika kkontestata, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet għall-għoti tat-tnaqqis inkwistjoni, it-tul tiegħu u l-ammont tiegħu, iżda hija obbligata wkoll tevalwa l-eżistenza eventwali ta' strateġija intiża li teskludi l-kompetituri li tal-inqas ikunu daqstant effiċjenti. Barra minn hekk, meta test AEC ikun twestaq mill-Kummissjoni, huwa jagħmel parti mill-provi li hija għandha tiegħu inkunsiderazzjoni sabiex tevalwa l-kapaċità tas-sistema ta' tnaqqis li tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tivverifika, qabelxejn, jekk l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-kapaċità tat-tnaqqis inkwistjoni li jirrestrinġi l-kompetizzjoni huwiex ibbażat fuq il-metodu hekk iddefinit. F'dan ir-rigward, hija tirrileva mill-bidu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi, fid-deċiżjoni

⁶ L-analiżi hekk imwettqa kienet tikkonċerna, fil-każ ineżami, il-kapaċità tat-tnaqqis inkwistjoni li jeskludi kompetitur daqstant effiċjenti daqs Intel mingħajr ma jikkupa pożizzjoni dominanti. Konkretament, l-analiżi kienet intiża li tistabilixxi l-prezz li kompetitur daqstant effiċjenti daqs Intel u li jkollu l-istess spejjeż bħal din tal-aħħar kellu jitlob għall-proċessuri tiegħu sabiex jikkompensa lil produttur ta' tagħmir informatiku jew lil distributtur ta' apparat mikroelektroniku għat-telf tat-tnaqqis inkwistjoni, sabiex jiġi ddeterminat jekk, f'tali każ, dan il-kompetitur ikunx għadu jista' jkopri l-ispejjeż tiegħu.

kkontestata, meta qieset li t-test AEC, li hija madankollu wettqet, ma kienx neċessarju sabiex jippermettilha tistabbilixxi n-natura abbużiva tat-tnaqqis inkwistjoni ta' Intel. Madankollu, il-Qorti Ġenerali tqis li ma tistax tikkondividi din il-konstatazzjoni. Peress li s-sentenza fl-appell tindika li t-test AEC kellu importanza reali fl-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-kapaċità tal-prattika ta' tnaqqis inkwistjoni li tipproduċi effett ta' esklużjoni, il-Qorti Ġenerali kienet obbligata teżamina l-argumenti kollha ta' Intel dwar l-imsemmi test.

Fit-tielet lok, peress li l-analiżi tal-kapaċità tat-tnaqqis inkwistjoni li jirrestrinġi l-kompetizzjoni jaqa' fil-kuntest tal-istabbiliment tal-eżistenza ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, f'dan il-każ abbuż minn pożizzjoni dominanti, il-Qorti Ġenerali tfakkar ir-regoli dwar it-tqassim tal-oneru tal-prova kif ukoll il-livell probatorju meħtieġ. B'hekk, il-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza, applikabbli f'dan il-qasam ukoll, jeżiġi li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-eżistenza ta' tali ksur, skont il-każ permezz ta' serje ta' indizji preċiżi u konkordanti, b'mod li ma tħalli ebda dubju f'dan ir-rigward. Meta din tal-aħħar issostni li l-fatti stabbiliti ma jistgħux jiġu ġġustifikati b'aġir antikompetittiv, l-eżistenza tal-ksur inkwistjoni għandha titqies li ma tkunx suffiċjentement stabbilita jekk l-impriżi kkonċernati jirnexxielhom jinvokaw spjegazzjoni oħra plawżibbli tal-fatti. Kuntrarjament, meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq provi li, bħala prinċipju, ikunu jistgħu jistabbilixxu l-eżistenza ta' ksur, huma l-impriżi kkonċernati li għandhom jistabbilixxu l-insuffiċjenza tas-saħħa probatorja tagħhom.

Fir-raba' lok, huwa fid-dawl ta' dawn ir-regoli li l-Qorti Ġenerali teżamina l-argumenti dwar l-iżbalji allegatament imwettqa mill-Kummissjoni fl-analiżi AEC tagħha. F'dan ir-rigward, hija tqis li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx suffiċjentement skont il-liġi l-kapaċità ta' kull wieħed mill-atti tat-tnaqqis inkwistjoni li jipproduċi effett ta' esklużjoni, fid-dawl tal-argumenti invokati minn Intel fir-rigward tal-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-kriterji tal-analiżi rilevanti.

Fil-fatt, l-ewwel, fir-rigward tal-applikazzjoni tat-test AEC lil Dell, il-Qorti Ġenerali tqis li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, il-Kummissjoni setgħet, ċertament, tibbaża ruħha validament, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tas-"sehem kontestabbli"⁷, fuq informazzjoni magħrufa ta' operaturi ekonomiċi għajr l-impriża dominanti. Madankollu, wara li eżaminat il-provi prodotti minn Intel f'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li dawn tal-aħħar jistgħu wkoll jagħtu lok għal dubju fi hndan il-qorti dwar ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni, li tqis, bħala konsegwenza, li huma insuffiċjenti l-provi prodotti mill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li t-tnaqqis mogħti lil Dell seta' jipproduċi effet ta' esklużjoni matul il-perijodu kollu rilevanti. It-tieni, dan japplika wkoll, skont il-Qorti Ġenerali, għall-analiżi tat-tnaqqis mogħti lil HP, peress li l-effett ta' esklużjoni kkonstatat ma ġiex stabbilit għall-perijodu ta' ksur kollu. It-tielet, fir-rigward tat-tnaqqis mogħti, taħt kundizzjonijiet differenti, lil kumpanniji integrati mal-grupp NEC, il-Qorti Ġenerali tikkonstata żewġ żbalji li jivvizzjaw l-analiżi tal-Kummissjoni, wieħed li jaffettwa l-valur tat-tnaqqis kundizzjonali, u l-ieħor dwar l-estrapolazzjoni insuffiċjentement iġustifikata tar-riżultati validi għal trimestru wieħed għall-perijodu tal-ksur kollu. Ir-raba', il-Qorti Ġenerali tikkonkludi wkoll li hemm insuffiċjenza ta' provi, fir-rigward tal-kapaċità tat-tnaqqis mogħti lil Lenovo li jipproduċi effett ta' esklużjoni, minħabba żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni numerika tal-vantaġġi *in natura* inkwistjoni. Il-ħames, il-Qorti Ġenerali tikkonkludi bl-istess mod fir-rigward tal-analiżi AEC dwar Media-Saturn, u tqis, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni ma tat ebda spjegazzjoni dwar ir-raġunijiet li wassluha twettaq estrapolazzjoni, fl-analiżi tal-ħlasijiet mogħtija lil dan id-distributtur, tar-riżultati miksuba, għall-finijiet tal-analiżi tat-tnaqqis mogħti lil NEC, għal perijodu ta' trimestru għall-perijodu tal-ksur kollu.

Fil-ħames lok, il-Qorti Ġenerali tivverifika jekk id-deċiżjoni kkontestata ħaditx debitament inkunsiderazzjoni l-kriterji kollha li jippermettuha tistabbilixxi l-kapaċità tal-prattiki tariffarji li jipproduċu effett ta' esklużjoni, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, f'dan ir-rigward, hija tikkonstata li l-Kummissjoni ma eżaminatx debitament il-kriterju dwar ir-rata ta' kopertura tas-suq bil-prattika kkontestata u lanqas ma wettqet analiżi korretta tat-tul tat-tnaqqis.

Konsegwentement, mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li **l-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni hija inkompleta u, fi kwalunkwe każ, ma tippermettix li jiġi stabbilit**

⁷ Din l-espressjoni tindika, fil-każ ineżami, is-sehem mis-suq li l-klijenti ta' Intel kienu disposti u f'pożizzjoni li jittrasferixxu l-provvista tagħhom lejn fornitur ieħor, li kienet neċessarjament limitata, fid-dawl, b'mod partikolari, tan-natura tal-prodott kif ukoll tal-immagħni tat-trade mark u tal-profil ta' Intel.

suffiċjement skont il-liġi li t-tnaqqis inkwistjoni kien kapaċi jew seta' jkollu effetti antikompettitivi, u għalhekk il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni, sa fejn tqis li dawn il-prattiki jikkostitwixxu abbuż fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

Fl-aħħar, fir-rigward tar-rilevanza ta' tali annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata għall-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni fuq Intel, il-Qorti Ġenerali tqis li ma hijiex f'pożizzjoni li tidentifika l-ammont tal-multa marbut mar-restrizzjonijiet ovsji biss. Konsegwentement, **hija tannulla fl-intier tiegħu l-artikolu tad-deċiżjoni kkontestata li jimponi fuq Intel multa ta' EUR 1.06 biljun għall-ksur ikkonstatat.**

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinġoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.